MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta tat-18 ta' Frar, 2015

Numru. 1144/2008

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Robert Vella)**

**Vs**

**ALFRED BUGEJA**

**CLIVE AGIUS**

**KUMP NRU 1144/2008**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputati, **ALFRED BUGEJA detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 828557(M) u CLIVE AGIUS detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 187685(M)** gew akkuzati talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Nakkuzawhom talli gewwa Santa Venera nhar id-19 ta'Novembru 2008 ghall-habta tal-5:10 ta' filghaxija ikkommettew serq ta' diversi oggetti minn gewwa van tal-ghamla Toyota Liteace, bin-numru tar-registrazzjoni EAW-718, liema serq huwa ikkwalifikat bin-natura tal-haga misruqa u bil-valur li jeccedi 232.94 euro (€232.94) izda inqas minn 2329.37 euro (€2329.37), u dan sar ghad-detriment ta' Alfred Cuschieri u/jew persuni ohra;

2. U nakkuzawhom ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkommettew serq ta' flus minn mahzen li jinsab fi Triq il-Kanun, Santa Venera, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, u dan sar ghad-detriment tal-imsemmi Alfred Cuschieri u/jew persuni ohra;

3. Nakkuzaw lil Alfred Bugeja wahdu talli kiser il-provediment ta' sentenza ta' tlett xhur prigunerija sospiza ghal sentejn moghtija lilu fil-31 ta' Jannar, 2008 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D, liema sentenza saret defenitiva u ma tistax tigi mibdula. U aktar talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Appell u tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru defenitivi u ma jistghux jigu mibdula;

4. Nakkuzaw lil Clive Agius wahdu talli kiser il-provediment tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta'Malta b'sentenza moghtija lilu fit-23 ta' Ottubru 2008 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr.Jacqueline Padovani Grima LL.D, liema sentenza saret defenitiva u ma tistax tigi mibdula. U aktar talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikolu 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija lilu fis-26 t'Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat il-kunsens ta` l-Avukat General ital-21 ta` Novembru 2008 li jinsab *a folio* 9 ta` l-atti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Rat il-verbali tas-seduti tal-25.06.2014 u tal-21.10.2014;

**Ikkunsidrat**;

Minnufih din il-Qorti sejra tiddikjara li mhux ser tiehu wisq fit-tul biex iggib fit-tmiem dan il-kaz li ilu pendenti minn Novembru tas-sena 2008.

Dak li irrizulta sodisfacentement minn dan il-procediment, bis-sahha tax-xhieda varji (partikolarment mix-xhud Johann Cuschieri – ara depozizzjoni *a folio* 71 *et seq*) u tad-dokumentazzjoni esebita (inkluz, izda mhux biss, l-atti ta` l-*identification parade*), hu illi nhar id-19 ta` Novembru 2008 ghall-habta ta` xi 5.10pm, ix-xhud Johann Cuschieri kien qieghed jixtri l-hobz hdejn il-mahzen ta` zijuh Alfred Cuschieri, li jinsab gewwa Triq il-Kanun, St. Venera. Hin minnhom lemah vettura, ipparkjata, tal-ghamla Kia Shuma bin-numru ta` registrazzjoni PSR827 u ra tnejn minn nies niezlin minnha u marru minnufih lejn il-bieb tal-mahzen. Dak il-hin, bejnu u bejn ruhu, qal li mhux normali li zijuh jafda lin-nies b'dak il-mod u iddecieda li jcempillu. Fuq it-telefon infurmah li kien hemm tnejn minn nies li fethu l-katnazz u wzaw ukoll il-muftieh biex jaccedu ghall-mahzen. Alfred Cuschieri minnufih qallu li ma kien jaf xejn dwarhom, u li jekk seta, izommhom bid-diskors, sakemm jasal hu fuq il-post.

F'dawn ic-cirkostanzi, Johann Cuschieri iddecieda li jiehu ritratt tan-*number plate* tal-vettura in kwistjoni bil-*mobile* tieghu. Hekk ghamel u minnufih kompla jinnota li dawn iz-zewg persuni, li kienu dahlu fil-mahzen, ma xeghelux id-dawl. Resaq lejn il-mahzen u malli hargu innota wiehed twil u iehor qasir. It-twil ha hsieb li jsakkar il-mahzen bil-muftieh u, waqt li ipprova jaghmel il-katnazz f'postu, Johann Cuschieri staqsiehom ghan-numru ta` Freddie (b'referenza ghal zijuh Alfred Cuschieri). Ghalkemm qalulu li ma jafuhx, meta ippressati,

qalulu li jekk ried ikellem lil Freddie, seta jmur il-hanut li huwa xi mitt metru l-boghod mill-mahzen. Kompla jinsisti ghan-numru ta` Freddie u qalulu li kellhom in-numru fil-karozza. Iz-zewg persuni imxew lejn il-karozza, u meta imxew 'l hemm u qabzu l-karozza, gibdilhom l-attenzjoni ghall-karozza li kienu gew biha. Imbaghad il-qasir dahal fil-karozza u beda jipprova jsib in-numru ta` Freddie, izda kien kollu ghalxejn. Dak il-hin, it-twil qallu ejja ha mmorru. Qabel il-qasir dahal fil-karozza, ix-xhud innotalu *starter packs* tal-euros. Nel frattemp lehaq wasal iz-ziju, Alfred Cuschieri, li innota wkoll li kellu xi oggetti – numru ta` prodotti - li gew nieqsa (flimkien mal-muftieh u c-cavetta tal-katnazz) mill-vettura tieghu EAW718.

Il-pulizija giet informata b'din is-serqa u minnufih nbdiet l-investigazzjoni. Fi ftit hin giet intercettata l-vettura Kia Shuma PSR827. Go fiha kien hemm iz-zewg imputati li ittiehdu ghal aktar investigazzjonijiet. Gew elevati €131 bhala stocc tal-fidda. Aktar tard Clive Agius ikkopera mal-pulizija u hadhom gewwa garaxx f'Hal Qormi minn fejn gew elevati l-prodotti misruqa flimkien mac-cavetta u l-muftieh in kwistjoni – ara ricevuta ta` dawn l-oggetti *a folio* 66 ta` l-atti. Dawn l-oggetti misruqa kellhom valur ta` bejn LM350 u Lm400 (ara wkoll *folio* 92).

Apparti l-*identification parade* u l-konsultazzjoni ma zewg kotba bir-ritratti li Johann Cuschieri ghamel gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija, huwa identifika minghajr ezitazzjoni liz-zewg imputati waqt id-depozizzjoni (*a folio* 71 *et seq*) tieghu tat-2 ta` Dicembru 2008, u cioe li l-imputati kienu l-istess zewg persuni li huwa ra dehlin fil-mahzen u li huwa iffaccja u kellem fid-data u l-hin tas-serqa in kwistjoni.

Minn naha taghhom l-imputati irrilaxxjaw stqarrija kull wiehed – ara *folio* 67 *et seq*. Il-verzjoni taghhom kienet illi Alfred Bugeja ma kien jaf b'xejn dwar din is-serqa u li kien ghadu kif ha *lift* ma Clive Agius, kantuniera boghod minn fejn twaqqfu mill-pulizija. Alfred Bugeja jichad li kellu x'jaqsam ma din is-serqa filwaqt li Clive Agius jammetti l-involviment tieghu fis-serq kif migjub f'dan il-kaz.

Dan hu principalment dak li rrizulta f'dan il-kaz u l-imputati konsegwentement tressqu sabiex jirrispondu ghall-imputazzjonijiet dedotti.

**Ikkunsidrat**;

Illi mir-rizultanzi processwali jirrizulta skond il-ligi li z-zewg imputati kienu involuti fis-serq, inkluzi l-aggravji tal-valur, in-natura tal-haga misruqa u l-mezz, skond kif migjub fl-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom. Ma hemm xejn fl-atti processwali li ghandu jwaqqaf lil din il-Qorti milli toqghod fuq il-verzjoni cara u inekwivoka tax-xhud principali Johann Cuschieri. Ir-rabta fattwali bejn l-imputati, s-serq mill-vettura u mill-mahzen, u l-oggetti misruqa u elevati, hija wahda li giet ippruvata skond il-ligi mill-prosekuzzjoni. Il-verzjoni moghtija miz-zewg imputati dwar kif kien jikkonfigura Alfred Bugeja fix-xenarju hija wahda mhux sostenibbli.

**Ikkunsidrat**;

Fil-kuntest tal-piena din il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni, fost ohrajn, is-segwenti :

1. L-imputat Clive Agius ammetta l-involviment tieghu fl-istqarrija li hu rrilaxxja u radd lura l-oggetti kollha misruqa (ara wkoll *folios* 62 u 108);
2. Il-fedina penali taz-zewg imputati. Clive Agius instab hati mhux anqas minn seba darbiet mill-Qrati tal-Gustizzja Kriminali. L-imputat Alfred Bugeja ghandu fedina penali twila hafna u l-kundanni minn dawn il-Qrati huma numeruzi;
3. B’dak li ghamel fid-19.11.2008, Clive Agius kiser l-ordni ta` probation ghal tlett snin imposta bis-sentenza tat-23.10.2008; u jikkwalifika skond il-ligi bhala recidiv - ara fedina penali *a folio* 11 *et seq* u s-sentenzi esebiti *a folio* 122 *et seq*;
4. L-imputat Alfred Bugeja jikkwalifika skond il-ligi bhala recidiv – ara fedina penali *a folio* 17 *et seq*, u s-sentenzi esebiti *a folio* 169 *et seq*. Minn naha l-ohra, din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni dwar il-ksur tas-sentenza sospiza stante li l-imputat gia skonta tali sentenza;

**Konkluzjoni**;

**GHALL-MOTIVI PREMESSI L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 28A, 28B, 31, 49, 50, 261, 263, 265, 267, 271, 278, 279(a), 280, 281 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, u l-Artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, taqta u tiddeciedi billi **ssib u tiddikjara lill-imputati Alfred Bugeja u Clive Agius, it-tnejn recidivi, hatja skond l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra taghhom u tikkundannahom** kif gej :

a. Lil **Alfred Bugeja**, ghal **piena ta` prigunerija komplessiva ta` 33 xahar**.
b. Lil **Clive Agius**, ghal erba u ghoxrin (24) xahar prigunerija; in oltre, qed titratta mieghu ghar-reati li taghhom instab hati skond is-sentenza tat-23.10.2008, u konsegwentement tikkundannah ghal hmistax-il (15) xahar prigunerija – dan kollu jfisser **piena ta` prigunerija komplessiva ta` 39 xahar**.

Inoltre, tordna lill-hatja Alfred Bugeja u Clive Agius flimkien sabiex ihallsu lir-Registratur l-ispejjez ikkontemplati u skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, inkorsi f’dan il-procediment. Konsegwentement qed tordna li kopja ta` din is-sentenza tigi komunikata lir-Registratur (Qrati u Tribunali Kriminali) sabiex issehh l-ezekuzzjoni ta` din l-Ordni skond il-ligi.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------